MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Numru. 794/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**VS**

**RICHARD DEAN MONACO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Richard Dean Monaco, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 535195 (M).

**Akkuzat talli:**

B'diversi atti maghmulin minnu, anke jekk fi zminijiet differenti, li jkisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda;

1. Nhar it-3 ta` Mejju, 2013, ghal habta tat-tlieta u kwart ta` filghodu (03:15hrs) gewwa Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta` *handbag* li kien jikkontjeni diversi oggetti fosthom *mobile* tal-ghamla **Blackberry Curve**, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn, tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, ghd-deteriment ta` Sara Escaso Higuera ta` nazzjonalita` Spanjola u/jew ta` xi persuna/i ohra;

2. U aktar talli nhar is-27 ta` Gunju, 2013, f'xi hin kmieni filghodu gewwa Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta` *mobile* tal-ghamla **I Phone 4**, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta` elfejn, tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin, ghad-deteriment ta` persuna u/jew ta` xi persuna/i mhux maghrufa;

3. U aktar talli fil-jiem ta` qabel it-3 ta` Mejju, 2013, f'xi hin bil-lejl gewwa Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta` *handbag* li kien jikkontjeni mobile tal-ghamla **Samsung Galaxy S3 Mini**, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, ghd-deteriment ta` persuna u/jew ta` xi persuna/i mhux maghrufa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma` Richard Dean Monaco bhala recidiv ta` sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jithassru.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 261 (c) (f), 267, 270, 279 (a), 280 (1), 281 (a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, u billi thoss li perjodu ta` prigunerija effettiva f'dan il-kaz mhux sejra taghmel gid lill-imputat, qieghda tpoggieh taht ordni ta` *Probation* ghal tlett (3) snin mill-lum taht is-supervizzjoni tas-sinjura Carmen Nygaard u dan taht l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tordna li l-*Probation Officer* ghandha taghmel rapport dwar l-andament tal-imputat mill-anqas darba fis-sena.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------